MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 18/2009

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Mejju, 2003.

2. Illi z-zwieg huwa null stante li l-intimata fid-data taz-zwieg kienet mizzewga u z-zwieg taghha ma kienx annullat jew xolt.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

7. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

8. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 6 u tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar iz-Zwieg).

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabeix prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intiamta huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-26 ta' Mejju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-konvenuta kienet diga' mizzewga f' dak iz-zmien, u inoltre, il-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ka.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fis-26 ta' Mejju 2003, meta allura l-attur, cittadin sirjan kellu 38 sena u l-konvenuta, cittadina maltija kellha 24 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal xi zmien.

Jirrizulta li l-attur kien f' relazzjoni stabbli ma' oht il-konvenuta, E D, izda dawn ma setghux jizzewgu peress l-istess E D kienet diga' mizzewga u l-kawza ta' l-annullament kienet ghadha ma nqatatx. F' dak iz-zmien din kienet tqila mill-attur.

F' dawn ic-cirkostanzi l-partijiet ftehemu li l-attur jizzewweg lill-konvenuta biex ikun jista' jibqa' Malta, izda kellu jibqa' fir-relazzjoni ma' E D. B' hekk l-attur izzewweg lill-konvenuta, izda baqa' jghix ma' E D, u llum ghandhom zewgt itfal, u ohra fit-triq.

Iz-zwieg mal-konvenuta qatt ma gie kkonsmat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li l-partijiet izzewgu bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, huma eskludew b' att pozittiv tal-volonta' taghhom l-obbligazzjonijiet kollha essenjali ghall-hajja konjugali. Ghalhekk jikkonfigura fil-konfront taghhom it-tnejn il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta’ Mejju 2003.

L-ispejjez jkunu a kariku taz-zewg partijiet, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------